*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell:* Marbella Atlantic Ocean Club, SL (Puerto Banús, Spanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant:* ir-rikorrenti

*Trade mark ikkontestata:* it-trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "ocean ibiza" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 10 610 525

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Ottubru 2014 fil-Każ R 2207/2013-1

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Ottubru 2014 fil-Każ R 2207/2013-1 b'mod li l-oppożizzjoni magħmula minn Marbella Atlantic Ocean Club, SL tiġi miċħuda u li tintlaqa' l-applikazzzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 10 610 525 "ocean ibiza" (mħallta) fil-klassi 41; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż, inklużi dawk kollha li jirriżultaw sal-lum mill-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u quddiem l-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI fl-istanzi inferjuri li wasslu għal dan ir-rikors.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Appell ippreżentat fil-11 ta' Jannar 2015 minn Carlo De Nicola mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-11 ta' Novembru 2014 fil-Kawża F-52/11, De Nicdola vs BEI**

**(Kawża T-10/15 P)**

(2015/C 073/60)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Appellant:* Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Isola, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Bank Ewropew tal-Investiment

**Talbiet**

L-appellant jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha, bi bdil parzjali tas-sentenza kkontestata, tannulla l-paragrafu 2 u 3 tad-dispożittiv u l-punti 5, 7, 14, 16 sa 21, 24 sa 27, 29, 32, 35 sa 37, 39 sa 43, 46 sa 55, 57 sa 59, 62 sa 66, 68 sa 69, 73 u 74, 76 u 77, 87 sa 91, 93, 95 sa 100, 103, 106 u 107, 109 sa 112, 117, 120, 124, 142, 144 u 145, 148 sa 153, 161 sa 170, 175 sa 182 u 184 sa 193 tas-sentenza kkontestata. Tibgħat lura l-kawża quddiem awla oħra tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, b'kulleġġ ġudikanti differenti, sabiex tingħata deċiżjoni mill-ġdid fuq il-punti annullati, wara li tintlaqa' t-talba għal perizja medika mressqa preċedentement. L-appellant jirriżerva d-dritt li jressaq kwalsiasi talba għal miżuri istruttorji, diretta u/jew kuntrarja, li tkun neċessarja fid-dawl tal-argumenti ta' difiża mressqa mill-parti avversarja, u li jippreżenta kull dokument meqjus utli għall-konfutazzjoni tal-argumenti opposti. Tikkundanna lill-parti avversarja għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka l-aggravji segwenti:

1. Nuqqas ta' motivazzjoni tad-dispożizzjonijiet kkontestati.

2. Għal dak li jirrigwarda l-annullament tal-atti konnessi u ta' dawk li ntużaw mill-Kumitat ta' Investigazzjoni, l-appellant jikkontesta d-dikjarazzjoni ta' inammissibbiltà peress li t-talba kienet tirrigwarda speċifikament l-atti kollha użati mill-Kumitat ta' Investigazzjoni u mitluba inutilment.

3. Għal dak li jirrigwarda t-talba għall-konstatazzjoni ta' fastidju, l-appellant jikkontesta s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku minħabba motivazzjoni speċjuża, billi l-konstatazzjoni tal-ksur ta' obbligu kuntrattwali mwettaq fil-konfront tiegħu ma tikkostitwixxix ċertament ordni indirizzata lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lanqas dikjarazzjoni ta' prinċipju.

4. Għal dak li jirrigwarda t-talba sabiex jitwaqqaf il-fastidju, l-appellant isostni li l-allegata projbizzjoni li tingħata ordni ma tistax tkun assoluta, iżda għandha neċessarjament titneħħa fil-każ ta' aġir li jippreġudikaw id-dinjità tal-persuna u d-drittijiet fundamentali.

5. Għal dak li jirrigwarda t-talba għall-kumpens għad-danni li jirriżultaw mill-fastidju, l-appellant jenfasizza l-fatt li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, minn naħa, jirrevoka t-talbiet tiegħu lill-Kumitat ta' Investigazzjoni u, min-naħa l-oħra, josserva li l-BEI ma huwa marbut bl-ebda obbligu ta' eżekuzzjoni, peress li ma ngħatat ebda deċiżjoni għal dan il-għan u li d-deċiżjoni tal-Kumitat ma għandha l-ebda saħħa obbligatorja, ma hijiex vinkolanti u lanqas ma tikkostitwixxi rekwiżit proċedurali.

6. Għal dak li jirrigwarda t-talba għall-kumpens għad-danni kkunsidrati *ex se*, l-appellant isostni li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkritikah inġustament talli ma qajjem ebda żball ta' liġi, u jikkontesta l-ħlas u l-motivazzjoni tal-kumpens iffissat għas-somma ta' EUR 3 000.